MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru. 887/2004

**ILLUM 10 TA' OTTUBRU, 2008**

**KUMPILAZZJONI 887/2004**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**HUBERT MAMO ta' 52 sena, imwieled Tal-Pieta' nhar id-19 ta' Mejju, 1956, bin il-mejjet Paul u Rita nee' Cefai, residenti Earl's Court, no 7, Triq San Luigi, Imsida, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 356156M;**
**U JESMOND GRECH ta' 33 sena, imwieled Tal-Pieta' nhar is-6 ta' Novembru, 1974, bin il-mejjet Joseph u Janie nee' Zahra, residenti fil-fond Carnation Flats, F/2, Triq l-Imghazel, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 506774M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmija Hubert Mamo u Jesmond Grech, akkuzati talli:

1. Nhar id-9 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta ta' 1.00am, gewwa l-kumpless ta' Baystreet li jinsab gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sean Cassar minn San Gwann skond kif iccertifika Dr P Mangion MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, u dan ai termini tal-Artikoli 214, 216(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u taht l-istess cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Thomas Gauci mis-Swieqi, u Matthew Von Borckdorf mis-Swieqi u dan kif iccertifika Dr P Mangion MD, u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, hebbew ghal Sean Cassar, Thomas Gauci, u Matthew Von Brockdorf, sabiex jingurjawhom, idejquhom, jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, gewwa San Giljan volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta s-segwenti punti saljenti, u cioe' li grupp zghir ta' guvintur bla permess u fil-hinijiet bikrin ta' xis-siegha ta' fil-ghodu telghu fit-terrazin ta' fuq tal-kumpless ta' Bay Street, u hemm dahlu ghax qabzu recint, go l-area li fiha t-*trampolines*. Erbgha minnhom zgur li telghu jaqbzu fuq l-istess. Mill-istabbiliment bl-isem 'All Seasons', hargu zewg irgiel, allegatament l-akkuzati (emphasis tal-Qorti), u kellhom xi jghidu ma' dawn iz-zghazagh.

Irrizulta bhala fatt pruvat illi kemm Sean Cassar, Matthew Von Brockdorff, u Thomas Gauci spiccaw ferew f'dan il-konfront (vide 28, 30, 31, 162, 163, 164, 165, 166, 167).

Din il-Qorti fil-konfront tal-griehi sofferti minn Sean Cassar, u dan ghaliex l-akkuzi addebitati lil Mamo u Grech, f'dan ir-rigward huma dawk ta' griehi ta' natura gravi, hatret bhala espert lil Dr Mario Scerri, biex jikkonstata n-natura ta' dawn il-griehi.

Ta' l-istess feriti sofferti minn Sean Cassar, gew ezebiti ukoll mill-Ispettur Mario Tonna zewg ritratti DOK JG 1 a folio 29, tal-process. L-istess Sean Cassar fix-xhieda tiehgu ukoll ezebixxa ritratt iehor tal-griehi minnu sofferti DOK SC 1 a folio 77.

Ghandu ukoll jigi rilevat qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina x-xhieda prodotta, illi din il-Qorti semghet u allura rat lil Sean Cassar li xehdet fid-9 ta' Marzu, 2005, folio 51 et seq. F'din is-seduta il-Qorti setghet tikkonstata li Sean Cassar, darba li gholla l-frenza kif gie lilu suggerit mill-avukat tal-parte civile, kien ghad baqaghlu marka, liema marka fuq ghajnejh (farret). Ma kienx tezisti qabel l-incident in dezamina. L-istess espert nominat minn din il-Qorti, Dr Mario Scerri kkonkluda li c-cikatrici deskritta kienet rizultat ta' lacerazzjoni suturata u din kienet kompatibbli ma' blunt trauma. Qal ukoll li din kienet tidher minn *talking distance* u li probabbilmenet kienet ser tibqa' vizibbli fuq il-wicc (folio 129).

Fir-rigward ta' dan l-incident Sean Cassar ghalhekk xehed illi huwa kien hareg ma' shabu, fosthom ix-xhieda l-ohra, f'din il-kawza, u wara li ltaqghu xi d-disgha u marru jduru diversi bars gewwa Paceville u hu hawn ma kien xorob xejn, anki jekk damu diversi hin f'dawn il-bars, minn hemm marru Bay Street fil-gallarija ta' fuq, ghal fuq it-*trampolines*. Hemmhekk hu, Jacques Cali, Thomas Gauci, u Matthew Von Brockdorff, telghu f'din il-*play area* li kienet vojta u fid-dlam. Jikkonferma li bla permess dahlu fl-*area* tat-*trampolines* bla hlas u ghamlu hekk billi qabzu recint (folio 67). Xehed li wara li hames ghaxar minuti juzaw it-

*trampolines* xeghel id-dawl, hargu tnejn minn nies u qalulhom biex jinzlu u johorgu ‘l barra. Xehed ukoll illi huma bdew jaghmlu xi storbju fis-sens li bdew jidhku.

Jghid li kif huma, cioe’ l-guvintur nizzlu, wiehed minnhom minn dawn l-irgiel mar fuqu u tah daqqa ta’ ponn. Qal pero li l-persuna li lilu taghtu daqqa ta’ ponn ma kinitx prezenti fl-awla, pero identifika lil Hubert Mamo bhala persuna prezenti ghall-incident.

Sean Cassar jghid li dan l-incident gara cirka 11.30pm u huwa hawn kellu sbatax-il sena.

Matthew Von Brockdorff iddepona (bl-ingliz) li meta kellu sittax-il sena, flimkien ma’ shabu gia imsemmija, kif ukoll certu Karl u Phlip Degeatano telghu fil-*play area* ta’ Bay Street. Jghid li qabel kienu gewwa Paceville u marru *discos* u *bars*. Ammetta li jixrob il-birra u anki jpejjep is-sigaretti.

Senjalament qal li kollha kemm huma kienu xorbu darba li kienu gol-*bars*, pero li hadd minnhom ma kienu fis-sakra.

Dwar it-*trampolines* qal li dawn kienu maghluqa, iddeskriva li:
‘*There were gates around it and there were simple locks which could first unlatch and open the door to go into it.’* (folio 38). Qal li fil-fatt x’hin telghu fuq it-trampolines kien id-dlam, pero kif hargu n-nies mir-*restaurants*, irgiel, inxteghel id-dawl.

Qal li kienu xi seba’ guvintur juzaw it-*trampolines*. Qal ukoll illi kienu qed jaghmlu certu ammont ta’ hoss, pero ma kienx hoss gholi. Tkellem fuq zewg irgiel li hargu minn go dan ir-*restaurant*, jghid li dawn ma kellmuhom xejn, qalulhom biex jinzlu minn fuq it-*trampolines*. Jghid li m’argumentaw xejn maghhom, nizlu mill-ewwel. Jghid li hu kien l-ahhar persuna li nizlet u kif saqajh missew ma’ l-art gie ‘………*punched from behind in the face……’* (folio 44). Jghid li gie milqut aktar minn darbtejn u anki ‘*kicked’* (folio 44).

Ikkonferma li dawn iz-zewg irgiel, bla provokazzjoni sawtuh. Jinnega li hu ra xi gebel, *poles* jew ghodda ta' agrikoltura f'idejn shabu.

Matthew Von Brockdorff ikkonferma li hu x'hin nizel minn fuq it-*trampolines* ircieva daqqa minn wara. Ma kienx jaf min tah, lanqas ma gharaf lil xi hadd mill-imputati prezenti fl-awla. Lanqas ma gharaf lill-aggressuri ta' Thomas Gauci u ta' Sean Cassar.

Thomas Gauci ukoll xehed li kien flimkien ma' shabu jduru *bars* gewwa Paceville, minn hemm marru fuq it-*trampolines* gewwa Baystreet. Jghid li huma uzawhom bla permess, kien hawn li gew zewg irgiel u qalulhom biex jitilqu. Hu nizel, u meta beda miexi hass daqqa fuq rasu.

Gharaf biss lil Hubert Mamo u qal li dan kien li lilu tah bil-ponn, anzi ta bil-ponn lilu biss. Ezebixxa anki *t-shirt* imqatta' li kien liebes dakinhar (DOK TG).

Anki dan ix-xhud ikkonferma li t-*trampolines* kienu maghluqin, fid-dlam. Fil-fatt kellhom jaqbzu biex dahlu f'din l-area. Ikkonferma li waqt dan il-qbiz, fuq it-*trampoline* huma tkellmu xi ftit, dahku u ghajtu xi ftit. Jghid li dawn l-irgiel li talbuhom biex jinzlu minn fuq it-*trampolines*, meta ghamel hekk fuq quddiem, hawn hass id-daqqa minn wara. Jghid li meta gew ordnati biex jinzlu huma obdew mill-ewwel.

Jacques Cali ukoll ikkonferma li flimkien ma' shabu l-ohrajn imsemmija kienu fuq it-*trampoline*. Xehed li hargu tnejn u bdew jghajtu u aggredewhom. Xehed kif dawn it-tnejn aggredew lilu, lil Matthew, u lil Sean. Gharaf wiehed minnhom u cioe' lil Hubert Mamo. Jghid li kienu xi 1.00am.

Philip Degaetano jghid li ukoll kien ma' shabu hdejn it-*trampoline*, x'hin telghu zewg irgiel li qalulhom biex jinzlu, hu nizel u ma ra xejn. Jikkonferma li kien wara nofs il-lejl. Xehed li ghalkemm kienu qabel qed iduru l-barijiet, ma jiftakarx x'xorb kienu ikkonsmaw.

Jghid li dawn l-irgiel kellmuhom b'mod civilizzat, ma offendewhomx. Jghid li hu nizel mill-ewwel u darba hekk ma sema' xejn.

L-akkuzati t-tnejn ghazlu li jirrilaxxaw stqarrija.

Hubert Mamo spjega illi huwa jiggestixxi l-hanut 'All Seasons', gewwa Bay Street. Jghid li fil-gurnata ta' l-incident wara li kien sakkar u tefa' induna li kien hemm xi hadd fuq it-*trampoline*, xi ghaxar zghazagh, li kienu qeghdin jaqbzu. Meta hareg ikecciehom huma daru lejh, u kellmuh hazin. Hu inharaq ghax ra li kienet qieghda ssirlu hsara. Rahom gejjin ghalih u xejjer idejh. Spjega li xi hadd minnhom anki qabad bicca imghazqa li kien hemm fil-vicinanzi u mar biha fid-direzzjoni tieghu. Ammetta li ta b'idejh u li anki waqqa' lil xi hadd mit-tfal. Ma gharafx li dawn il-guvintur meta sar konfront fl-ghassa bejniethom minhabba li fil-fond kien fid-dlam.

Minn naha tieghu Jesmond Grech stqarr li hu kien jahdem gewwa 'All Seasons' go Baystreet. Anki hu qal li l-hanut kien maghluq u d-dawl kien mitfi, meta induna li fil-parti msakkra tat-trampoline kien hemm grupp ta' zghazagh jaqbzu. Spjega kif dawn iz-zghazagh imwiddba minn Mamo daru ghalih u anki kellmuh hazin. Spjega li Hubert Mamo xejjer idu biex jiddefendi ruhu. Qal li hu x'hin ra hekk, anki qabad wiehed minnhom u mbuttah. Qal anki li guvni minnhom mar ghalih bl-imghazqa u li hu mbuttah bil-minkeb.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju minnn natura tal-griehi gravi sofferti minn Sean Cassar. Dan hija setghet tikkonstatah *di persona* meta l-istess tela' jixhed quddiemha, kif ukoll mir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri.

Certament anki l-guvintur l-ohra msemmija fl-akkuza soffrew griehi ta' natura hafifa.

Lanqas din il-Qorti m'ghandha dubbju li dawn il-guvintur kellhom konfront maz-zewg akkuzati, meta nqadbu bla permess juzaw dawn it-*trampolines*.

Ma temminx din il-Qorti illi dawn iz-zghazagh li ta' eta' daqshekk tenera, darba li qeghdin gewwa *bars* f'Paceville sas-siegha ta' fil-ghodu ma xorbu xejn. Dan mhux fatt veritjier ghax allura frankament x'qed jaghmlu dawn it-tfal, ghax tfal ghadhom gewwa *bars* minnhom imsemmija.

Lanqas ma temmen li l-akkuzati aggredew lil dawn it-tfal bla kliem u provokazzjoni ta' xejn. Minn naha l-ohra lanqas ma hi veritjiera l-iskuza ta' l-akkuzati li dawn iddefendew ruhhom ghaliex xi hadd minn dawn it-tfal mar ghalihom b'bicca mghazqa. Hija skuza tal-fantasiji li gewwa Baystreet wiehed isib bicca mghazqa. Li gara huwa li t-tfal imwiddba tqazzu u l-irgiel gew fl-idejn maghhom.

Stramb il-fatt illi darba li xehdu li l-guvintur sabu diffikulta' kbira li jgharfu l-aggressur taghhom – gabu skuza li l-fond kien fid-dlam meta a kontrarju kulhadd xehed li qabel ma hargu l-irgiel mill-fond inxteghel id-dawl. Dan tenut kont ukoll tal-fatt li l-Ispettur Mario Tonna, rega' ddepona t-tieni darba u qal li wara d-debita rapport ta' dawn il-guvintur, sar konfront bejnhom u bejn l-akkuzati fl-ghassa, hawn Mamo u Grech gew identifikati mill-guvintur. Dan l-atteggjament minn naha ta' dawn il-guvintur jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilita' taghhom, aktar u aktar kif gie nstigat dan l-incident.

Illi fil-fatt fil-kaz ta' Jesmond Grech kieku mhux ghal dak li qal hu fl-istqarrija tieghu, kieku l-presenza tieghu qatt ma giet pruvata. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilliberah mill-akkuzi kollha lilu addebitati.

Minn naha l-hra kif gia inghad Hubert, Thomas Gauci li allura soffra griehi ta' natura hafifa, kien kategoriku u car illi kien Hubert Mamo li lilu aggredieh.

Ghamlu x'ghamlu dawn il-guvintur tfal, zgur li ma kienx juggustifika swat lejhom minn zewg irgiel adulti, anki jekk

bl-attitudni taghhom zgur li jezasperawk. Lanqas ma hu gusitifikat li llum tfal ta’ sittax u sbatax-il sena jigru go bars gewwa Paceville, barra sas-1.00 ta’ fil-ghodu.

Ghaldaqstant, in vista ta’ dak kollu premess, fil-waqt li terga’ tiddikkjara li qed tillibera lil Jesmond Grech mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, qieghda issib htija fil-konfront ta’ Hubert Mamo biss fil-konfront tat-tieni (2) akkuza, cioe’ talli kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Thomas Gauci, u dan wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi ssib ukoll htija taht l-Artikolu 339(d) li pero huwa assorbit fl-Artikolu gia msemmi. Qieghda tilliberah pero mill-kumplament ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena biss allura fil-konfront ta’ Hubert Mamo, rat li ghandu fedina penali ghal kollox netta, qieghda ghalhekk fuq l-akkuzi li taghhom qed jinsab hati, tikkundannah ghal multa ta’ €698.81(sitt mija tmienja u disghin Ewro, u wiehed u tmenin Ewro centezmi).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------